MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Numru. 683/2006

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Carmel Tabone, iben Carmel, imwieled Floriana fit-22 ta' mejju, 1949

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –

1. talli fi frar, 2006 u fis-snin immedjatament preċedenti f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biża'

dwar ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'dokument maħsub għal awtorita' pubblika u cioe' lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikoli 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Diċembru, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hem maħsub:
fl-artikoli 18, 308, 309, 310, 188 u 533 tal-Kodiċi Kriminali bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2008 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 308, 309, 310 u 188 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, tordna lill-imputat li jirrifondi s-somma ta' sbatax il-elf seba' mija u tlieta u sebgħin euro (€17,773) lill-Gvern ta' Malta fi żmien tlett snin f'pagamenti mensili ta' mhux anqas minn mija u għoxrin euro (€120).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------